MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 582/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Mona Borg Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [detentrici tal-karta tal-identita` numru 348572 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta' Mona Farrugia Limited (C 48565) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-1 ta' Ottubru 2011 gewwa Angelica – Triq l-Arcisqof – Valletta, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'

provvisti, skond il-kumpens lilha imhallas ghal dawk il-provvisti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Dicembru 2012, li biha wara li rat l-artikoli 51, 77 (a)(e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha ghal hlas ta’ multa ta’ disa mitt Euro (€900), peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fil-11 ta’ Dicembru, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tipprocedi biex tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija u fl-alternattiv jekk l-appell ghar-revoka ma tigi akkolta, tvarja s-sentenza biex l-appellanti thallas multa ta’ €700.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta huwa s-segwenti w cioe':-
L-esponenti tikkontendi illi b’kull dovut rispett, tneut kont tax-xhieda ndikata hawn fuq, ma setghet qatt instabet hatja, peress illi x-xhieda tal-Ispettur, li l-Qorti rrimarkat

dwaru illi l-informazzjoni li ta fuq dan il-fatt kienet skarsa hafna u l-Qorti ma tistax tikkunsidrah dan bhala fatt pruvat, ma setghetx twassal ghal sejbien ta' htija fuq l-akkuza kif dedotta ghaliex fl-aghar ipotezi, hi ma tatax ricevuta (li ma kienx ippruvat u allura fil-kamp kriminali ma jirrizultax) u mhux tat ricevuta bla dettalji skond il-ligi.

A skans tal-ovvju, stante illi l-legislatur ghazel li jirrendi kwistjonijiet bhal dawn bhala kwistjonijiet kriminali, allura b'kull dovut rispett l-Qorti kellha tkun rigoruza illi toqghod fuq il-fatti ppruvati u mhux tasal ghal decizjoni bbazata, strettament parlando, fuq assunzjoni dwar il-forma ta' ricevuti li ma gewx ezibiti.

Sussidjarjament, tenut kont tan-natura insinjifikanti tal-ammont in ezami, kafejiet ecc li ma jiswewx aktar minn fit euro, l-Qorti messha mmultat il-minimu.

Fl-istadju tal-appell xehed biss John Cassar, spettur fid-Dipartiment tal-VAT. Huwa qal li fl-1 ta' Ottubru 2011 flimkien ma' kollega ieħor kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet fi Triq l-Arċisqof il-Belt quddiem l-istabbiliment Angelica. Kien qed isir bejgħ ta' xi ħelu, pies u drinks. Ma kienx hemm cash register fil-post fejn kien hemm l-impjegati li kellhom riċevuti lesti minn qabel u ma ngħatawx lil kull klijent. Huma kienu nnotaw għal-anqas persuna waħda li ħallaset żewġ euros u ma ngħatatx riċevuta. F'dawk l-inħawi tal-Belt kien hemm ħafna nies u lill-klijent ma kinux kellmuh. Huma kienu eżaminaw ir-riċevuta ta' persuna waħda żgur.

Fir-rapport a fol 8 (Dok JC) jidhru dawn in-notamenti. 'No cash register at point of sale – could not confirm exemption number. Nace code and address do not reflect economic activity.' Huma kienu talbu x-reading u ngħataw x-reading. Ir-riċevuti li kienu raw kienu soddisfaċenti.

A fol 12 jidher dokument li hu miktub bl-idejn fuqu: 1998 – 5124 Angelica. Dan ittieħed fl-1 t'Ottubru 2011 fid-21.34.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' Diċembru 2012, il-Qorti għamlet dawn ir-rimarki:

*'L-informazzjoni li ta fuq dan il-fatt (li xtrat xi prodott u ma ngħatatx riċevuta) kienet skarsa ħafna u l-Qorti ma tistax tikkunsidrah dan bħala fatt ippruvat.*

*Illi pero' jirriżulta, mhux biss mid-depożizzjoni ta' dan l-istess xhud imma anke mid-dokumenti esibiti, li l-cash register ma kienx qed jipprintja d-dettalji (inkluż l-exemption number u l-VAT number) li bil-liġi għandhom jidhru fuq kull irċevuta li toħroġ minnu.*

*Illi għandu jingħad li riċevuti ma ġewx ippreżentati mill-Proskeuzzjoni imma X-reading biss; dan m'għandux id-dettalji rikjesti fuqu.....*

*Illi għalhekk jirriżulta li dak in-nhar ma kinux qed jinħarġu riċevuti fiskali minn cash register li jikkonforma mal-ħtiġijiet tal-Liġi.'*

Minn dak li ezaminat din il-Qorti jirriżulta li fid-dokument JC a fol 8 kif ukoll mid-dokument a fol 12 jirriżulta li l-cash register ma kienx fejn kien qed isir il-bejgħ waqt li l-uffiċjal inkarigat ma setax jikkonferma l-exemption number. Min-naħa l-oħra n-Nace Code u l-address ma kinux qed jirriflettu l-attivita' ekonomika.

Għalhekk li din il-Qorti qed tasal għall-istess konklużjoni bħal dik li waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri li r-riċevuti fiskali ma kinux qed jinħarġu minn cash register li jikkonferma mal-liġi.

Il-Qorti, pero' tara li għandu jkun hemm temperament fil-piena għaliex il-fedina penali tal-imputata hija nadifa għal kollox..

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti**

**Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Mona Borg Farrugia' fil-5 ta' Diċembru 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni għaliex din kienet biss alternattiva għall-ewwel waħda u qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti tħallas multa ta' €900 u minflok qed tikkundannaha tħallas multa ta' €700.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------